MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1261/2007

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali
vs
Andrew Agius,
Zoqdi Developers Limited (C 10213) u B.D. Limited (C 7281)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li bih espona:-

Illi fit-12 ta' Ottubru, 2007, (u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2011 id-data giet mibdula ghat-2 ta' Lulju, 2007) din il-Qorti akkordat ir-rikors ta' Charles Azzopardi, Carol Azzopardi, Joseph Azzopardi, Marianne Abela ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru li gie degretat b'mod definittiv kontra l-intimat Andrew Agius u s-socjeta` Zoqdi Developers Limited:

Illi ghalhekk l-intimati Andrew Agius u s-socjeta’ Zoqdi Developers Limited gew inibiti minn din il-Qorti milli jidhlu, jew jaghmlu kwalunkwe tip ta’ xoghol u / jew uzu ta’ liema natura kwalsiasi u / jew jippermettu u / jew iqabbdu lil terzi jaghmlu l-istess, u / jew ikomplu jidhlu, ikomplu jaccedu jew jaghmlu kwalunkwe tip ta’ xoghol u / jew uzu ta’ liema natura kwalsiasi inkluz it-tqaccit ta’ sigar, it-twaqqiegh u / jew demolizzjoni ta’ hitan tas-sejjiegh, l-incendjar jew xort’ohra t-tqabbid tan-nar u l-hart ta’ l-ghelieqi fil-proprjeta` tar-rikorrenti u senjatament fil-porzjonijiet kollha ta’ art li jinstabu l-ghelieqi fil-proprjeta` tar-rikorrenti u senjatament fil-porzjonijiet kollha ta’ art li jinstabu fil-limiti ta’ Had Dingli fl-irdum “Tal-Maxtura” indikati fil-kuntratt ta’ koncessjoni emfitewtika fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela tal-21 ta’ Frar, 1971, kopja ta’ liema giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala “Dok. CA 1”, b’mod partikolari fiz-zewg porzjonijiet immarkati bin-numru u l-ittra “1H” li jidhru mmarkati bil-kulur ahdar fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotur bhala “Dok. CA 2”;

Illi madanakollu, l-intimati Andrew Agius u s-socjeta` Zoqdi Developers Limited minnu rapprezentata jew min minnhom regghu dahlu, fil-prezenza ta’ l-istess rikorrenti, fil-propjeta’ milquta bl-ordni ta’ dina l-Qorti u senjatament f’porzjon immarkata bin-numru u l-ittra ‘1H’ li tidher fuq il-pjanta annessa mar-rikors ghall-hrug ta’ mandat u mmarkata bhala ‘Dokument CA 1’;

Illi peress dina l-proprjeta` indikata fil-kuntratt ta’ koncessjoni emfitewtika fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Felix Abela tal-21 ta’ Frar, 1971, dina l-porzjon hija milquta mill-mandat ta’ inibizzjoni odjern u ghalhekk l-intimati Andrew Agius u s-socjeta` Zoqdi Developers Limited jew min minnhom, ma kellhom l-ebda dritt illi jidhlu fl-istess porzjon. L-intimati Andrew Agius *proprio* u s-socjeta` Zoqdi Developers Limited kienu wkoll imwaqqfa milli jippermettu lil terzi minn jidhlu u jaccedu l-art milquta bl-ordni ta’ dina l-Qorti, madanakollu xorta wahda ppermettew, huma jew min minnhom illi Frederick Agius jidhol u jaccedi l-art *de quo*;

Illi permezz ta' rikorsipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2007 l-imsemmi Charles Azzopardi *et* gab ghall-konjizzjoni ta' dina l-Qorti dana kollu u talab li din il-Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 (Dokument );

Illi b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2007 din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent (Dokument );

Illi ghalhekk qeghedha ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent talab il-Qorti:

1. Issib lill-intimati Andrew Agius u Zoqdi Developers Limited hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Andrew Agius u Zoqdi Developers Limited li biha esponew:

Illi m'huwiex minnu li fit-12 ta' Ottubru 2007 hareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati;

Illi fit-tieni lok m'huwiex minnu li wara li hareg mandat ta' inibizzjoni l-intimati jew xi persuna jew persuni minnu inkarigati acceddew fuq zewg porzjonijiet immarkati bin-

numru u ittra 1H fuq il-pjanta Dok. CA1 imsemmija fir-rikors promotur;

Illi m'huwiex minnu li wara li hareg mandat ta' inibizzjoni ibnu Fredrick Agius dahal fiz-zewg porzjonijiet immarkati bin-numru u ittra 1H fuq il-pjanta Dokument CA1 imsemmi fir-rikors promotur;

Illi l-intimat bl-ebda mod ma kiser xi mandat ta' inibizzjoni li hareg fil-konfront tal-kumpanija minnu rapprezentata;

Illi l-vertenza bejn il-kumpanija tieghu u l-familja Azzopardi hija dwar il-linja divizorja bejn il-proprjeta` tal-intimat u dik li qed jippretendu li hija taghhom il-familja Azzopardi, fis-sens illi meta l-intimati kienu qedghin jiehdu hsieb u tirranga l-proprjeta' taghha, liema proprjeta` hija estensiva u fiha kejl ta' aktar minn erbghin tomna (40T) u meta wasal fil-parti li tigi vicin il-proprjeta' tal-familja Azzopardi, il-familja Azzopardi bdew isostnu li l-intimati kien qedghin jinvadi l-proprjeta` taghhom;

Il-proprjeta` ta' l-intimat hija tieghu, ossia tal-kumpanija minnu rapprezentata u ilha registrata bhala tali mal-Land Registry ghal kwazi hmistax-il sena minghajr qatt hadd ma lmenta dwar tali registrazzjoni. L-unika art li l-intimat ghandu informazzjoni li l-familja Azzopardi qieghda ssostni li hija taghhom u li fil-fatt hija tal-intimat u registrata fuq il-kumpanija tieghu, cjoe` fejn hemm l-*overlapping*, hija l-porzjoni 1H fuq imsemmija u anke hemm xi porzjonijiet ohrajn aktar 'il fuq u aktar 'l isfel li m'humiex mertu tal-mandat ta' inibizzjoni numru 910/07;

Illi fil-fatt apparti dan kollu, l-intimat ghandu d-dritt ta' passagg minn fuq il-proprjeta` tal-familja Azzopardi u anke ghandu d-dritt li jiehu l-ilma mill-ghajn tal-Maxtura li tinsab entro l-proprjeta` tal-familja Azzopardi u dan jirrizulta anke mill-kuntratti originali u fil-fatt l-ilma jinqasam fuq tmint'ijiem. Minn dawn it-tmint'ijiem, tnejn minnhom igawduhom *by rotation* il-familja Azzopardi u sitt ijiem l-ohra, hamsa minnhom imissu lill-intimati u l-gurnata l-ohra tmiss lill-bdiewa ohra li, biex jiehdu l-ilma taghhom jghaddu kemm minn fuq il-proprjeta' tal- intimat kif ukoll

minn fuq il-proprjeta’ tal-familja Azzopardi. Dwar dan m’hemm kwistjonijiet ta’ xejn u l-intimat ilu jiehu l-ilma b’dan il-mod minn mindu akkwista l-proprjeta` jigifieri dawn l-ahhar hmistax-il sena u ghalhekk, jekk ir-rikors odjern qed isir minhabba li Andrew Agius u anke t-tifel tieghu Fredrick marru biex jaqilbu l-ilma fil-granet li kien imisshom jiehdu l-ilma mill-Ghajn tal-Maxtura fuq imsemmija, dan m’huwiex bi ksur tal-mandat ta’ inibizzjoni jew bi sfida izda b’ezercizzju tad-dritt li ghandu ghalih l-intimat u li qatt ma kien mertu ta’ proceduri quddiem dawn il-Qrati, la tal-mandat imsemmi, la ta’ mandat iehor sussegwenti u lanqas tal-kawzi successivi ghall-istess mandati;

Illi ghalhekk ir-rikors fuq imsemmi ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fit-23 ta’ April, 2008, giet prezentata nota ta’ cessjoni fil-konfront biss ta’ B.D. Limited.

Illi ghandu jkun car li l-proceduri prezenti jirrigwardaw biss l-ksur *o meno* tal-ordni tal-Mandat ta’ inibizzjoni u mhux b’ebda mod dikjarazzjoni ta’ xi dritt fil-propjeta` msemmija.

Gie prezentat affidavit ta’ Carmel maghruf bhala Charles Azzopardi, fejn issemma s-segwenti:

- “...Fost dawn il-proprjetajiet illi ahna writna minghand missierna taht il-kuntratt tal-21 ta’ Frar, 1971 hemm porzjonijiet ta’ art illi huma mmarkati bin-numru u bl-ittra 1 H fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala “Dokument CA 2”;

- Nghid illi s-socjeta` Zoqdi Developers Limited hija proprjetarja ta' l-art kontigwa ghall-art imsemmija hawn fuq;
- Andrew Agius huwa d-direttur u rapprezentant tas-socjeta` Zoqdi Developers Limited;...
- Bejn il-proprjeta` ....kien hemm hajt divizorju tas-sejjiegh...
- Nghid illi fix-xahar ta' Mejju tas-sena 2007, u biex inkun aktar preciz bejn it-12 u s-17 ta' Mejju, 2007, Andrew Agius qaccat u haraq bejn hmistax u ghoxrin sigra ta' l-ghajnbaqar illi ahna l-ahwa kellna fuq zewg porzjonijiet art hawn fuq imsemmija...
- Minhabba li Andrew Agius kien dahal fi proprjeta` fil-pussess tieghi u taghna l-ahwa Azzopardi prezentajna rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex Andrew Agius u Zoqdi Developers Limited jigu mwaqqfa mill-Qorti milli jidhlu fil-porzjonijiet ta' art illi jirrizultaw mill-kuntratt tal-21 ta' Frar, 1971 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela, fosthom iz-zewg porzjonijiet immarkati bin-numru u bl-ittra 1 H illi huma mertu ta' kawza ta' spoll pendenti quddiem l-Imhallef Abigail Lofaro bin-numru tar-rikors mahluf 666/2007/AL. Permezz ta' digriet ta' nhar id-19 ta' Gunju, 2007 stess dana r-rikors intlaqa' provvizorjament u sussegwentament permezz ta' digriet tat-2 ta' Lulju, 2007 moghti mill-Qorti *seduta stante* gie ordnat il-hrug tal-mandat kif minna mitlub;
- ...Dan it-tieni mandat ta' inibizzjoni jgib n-numru 1365/2007/AF u t-talba ghall-hrug tieghu giet milqugha nhar it-12 ta' Ottubru, 2007. It-tieni kawza ta' spoll bhalissa tinstab pendenti quddiem l-Onorevoli Imhallef Joseph Zammit McKeon (rikors guramentat bin-numru 1071/2007);
- B'referenza ghall-mertu ta' din il-kawza ta' proceduri ta' disprezz, nghid ukoll illi Andrew Agius u Zoqdi Developers Limited regghu dahlu fi proprjeta` milquta mill-ewwel mandat ta' inibizzjoni li konna pprezentajna u dan bi ksur ta' l-istess mandat. Ghamilna rikors fejn gibna dana kollu a formali konjizzjoni tal-Qorti... F'dan ir-rigward nispjega li nhar id-9 ta' Ottubru, 2007 Andrew Agius flimkien mat-tifel tieghu Fredrick, dahal fuq il-porzjon immarkata bin-numru u bl-ittra "1H" u hadtilhom

ritratt. Qieghed ukoll nannetti dan ir-ritratt. Din il-porzjon qeghda tigi mmarkata bil-kulur isfar u nghid illi hija kolpita mill-ewwel mandat ta' inibizzjoni ghaliex dak il-mandat intalab u nhareg fuq il-porzjonijiet kollha ta' art imsemmija fil-21 ta' Frar, 1971 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela. Dik il-porzjon niftakar illi minn dejjem kienet fil-pussess tal-familja taghna u sahansitra sa erba' snin ilu kienet mansab li jintuza minn Spiru Busuttil. Fi zmien aktar recenti u senjatament meta dahal Andrew Agius u Fredrick Agius minkejja l-ordni fil-mandat ta' inibizzjoni kienet giet mahruta qabel minni u dawn l-ahhar zmenijiet kienet mizrugha bil-ful;

- Ghal din ir-raguni tlabna l-proceduri ghal disprezz u nbdiet din il-kawza."

<u>Mary Azzopardi</u>, xehedet:
"Naf li r-ragel tieghi ghandu xi artijiet li qeghdin fl-irdum ta' Had-Dingli. Naf li din giet ghandu permezz ta' wirt min-naha ta' missieru. Inzid nghid li hemm kontestazzjoni dwar il-proprjeta' in kwistjoni mal-familja Agius u fil-fatt nghid illi fid-9 ta' Ottubru 2007 jiena kont rjat lis-Sur Andrew Agius u t-tifel tieghu fl-art taghna u bqajt miexja nsegwihom u huma kienu qeghdin f'din l-art taghna. …li hemm a fol. 78 u 79 tal-process u nghid li dawn huma r-ritatti jew li hadt jien jew simili hafna. Fejn kienu s-sinjuri hemmhekk din hija proprjeta` taghna. Nikkonferma li fil-fatt konna rajnihom bil-karti f'idejom fl-art in kwistjoni. Mistoqsi jekk il-karti li kellhom f'idejhom setghux kienu pjanti li kienu qeghdin jaraw ezattament il-linji ta' markazzjoni nghid li jista' jkun..."

Gie prezentat <u>affidavit ta' Andrew Agius</u>, fejn qal:
"Fil-11 ta' Ottubru 2007 jiena u t-tifel tieghi Fredrick ma konniex gewwa l-proprjeta` mmarkata bl-ittri 1H fil-pjanta CA2. ..u qed nimmarka b'bocca hadra l-posizzjoni li jien kont flimkien mat-tifel Fredrick dakinhar ta' l-allegat incident. Nirrepeti li ahna fl-ebda hin ma dhalna fil-proprjeta` mmarkata bl-ittri 1H....

Fil-parti fejn hemm il-kwistjoni ta’ din il-kawza ma hemmx hajt li jifred il-porzjoni ta’ Zoqdi Developers Limited u dik tal-familja Azzopardi....

Dwar dan l-aspett, il-kumpanija Zoqdi Developers Limited ghamlet kawza li hija pendenti fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili biex il-Qorti tistabbilixxi l-konfini precizi galadarba l-pjanta ta’ Azzopardi m’hix qed taqbel mal-pjanta originali tal-1920.

Fil-parti fejn hemm il-vertenza, m’hemmx hitan tas-sejjiegh divizorji kullimkien. Ghalkemm hemm xi partijiet fejn il-linja stabbilita fil-pjanta originali tal-1920 timxi ma’ xi hajt, pero` minn ezami tal-linja divizorja kollha tista’ tghid li l-parti l-kbira tal-linja divizorja ma zzommx mal-hitan tas-sejjiegh izda hija linja mmarkata fuq pjanta.

Tajjeb li jinghad illi l-art hija kbira u kull naha fiha aktar minn tletin tomna u hemm xtur qawwi u dislivell kbir.

Jiena nichad li dhalt fil-proprjeta` 1H wara li sar il-Mandat. Dakinhar li ttiehed ir-ritratt jien kont mat-tifel bil-pjanti f’idejna u qaghadna b’sebgha ghajnejn biex zgur ma nidhlux gol-art 1H. Jiena lis-Sinjura Azzopardi kont rajtha hemmhekk dakinhar tohodli r-ritratt u aktar u aktar qatt attent biex zgur ma nidholx gol-parti li hemm il-kwistjoni. Minbarra dan inzid li bejn fejn konna ahna u l-art immarkata fuq il-pjanta 1H ma hemmx hitan tas-sejjiegh...

Illi ghalhekk, meta f’Ottubru 2007 jiena u t-tifel konna fuq il-post u naraw il-pjanti, kellna wkoll il-pjanta tal-1939 tal-familja Azzopardi. Jien qadt b’sebgha ghajnejn illi jiena bl-ebda mod ma nirfes gol-art immarkata 1H. Ghalkemm parti minn din l-art hija tieghi skont il-pjanta originali ta’ divizjoni tal-1920, galadarba kien hemm Mandat, jiena u l-kumpanija Zoqdi Developers Limited irrispettajna l-Mandat u ma dhalniex fil-proprjeta’ li hemm Mandat fuqha.

Wara l-ewwel Mandat Azzopardi hareg it-tieni Mandat ghaliex jiena, biex zgur naghmel l-affarijiet sew, gbidt lenza u ghamilt xi gebel biex nimmarka l-kumplament tal-linja divizorja. Il-mertu ta’ dan it-tieni mandat illum waqa’

ghaliex wara li Azzopardi ghamel kawza ta' spoll, minghajr ma jiena ammettejt xi tort, accettajt li nerga' nqieghed kollox kif kien u l-mertu gie cedut. Ghalhekk m'hemmx mertu pendenti rigward it-tieni mandat. Dan it-tieni mandat sar f'Ottubru 2007.

Jiena rrid li l-kawza ta' divizjoni li fethet Zoqdi Developers Limited tigi deciza mill-aktar fis possibli biex b'hekk dawn il-kwistjonijiet kollha jinqatghu...."

In kontro ezami, Andrew Agius qabel li fil-fatt il-mandat ta' inibizzjoni nhareg fuq il-pjanti tan-1939 u mhux fuq tan-1920. L-artijiet fuq il-pjanta huma ndikati bl-itta 1H a fol. 86 tal-process, pjanta li din hija l-pjanta ta' l-1939.

Gie prezentat affidavit ta' Fredrick Agius, it-tifel ta' Andrew Agius u llum wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija Zoqdi Developers Limited semma hu kien ma' missieru fl-okkazzjoni tal-11 ta' Ottubru 2007 kif indikat fir-ritatt li gie muri lilu li huwa ezebit fil-kawza:
"u jiena nghid illi ahna ma konniex gol-art li fil-pjanta hija mmarkata bl-ittra 1H. Ahna konnha 'l hemm minnha u konna fejn hemm is-sigra tal-harrub... Qed nehmez *photocopy* tal-pjanta ezebita minn Azzopardi u qed naghmel bocca kulur ahdar fil-parti fejn konna jien u missieri....

Dakinhar tal-11 ta' Ottubru 2007, jien kont ma' missieri bil-pjanti f'idejna biex nippruvaw insibu l-qasma fejn ghandha tkun. Ahna bl-ebda mod ma dhalna gol-art immarkata bl-ittra 1H fil-pjanta ta' Azzopardi. Jien u missieri konnha ilna nduru l-art biex naraw il-varji postijiet fejn qeghedha l-qasma u fil-mument li hadulna r-ritratt, ahna konnha nafu li s-Sinjura Azzopardi u zewgha kienu qeghdin hemm u qghadna attenti li ma nidhlux go l-art immarkata 1H biex ma jinqalax inkwiet. Bejn il-post fejn konnha qieghdin u l-art immarkata 1H ma hemmx hajt tas-sejjiegh li jifred...."

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri huma li l-familja Azzopardi kienet talbet u kisbet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ezebit fl-atti sabiex il-konvenut Andrew Agius u

l-kumpannija Zoqdi Developers Limited jitwaqqfu milli jidhlu, jaccedu jew jaghmlu xi xoghol fi proprjeta` tal-familja Azzopardi li tinstab fil-limiti ta' Had Dingli fl-Irdum "Tal-Maxtura" u liema proprjeta' hija indikata fuq pjanta annessa fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni.

In-nuqqas ta' qbil huwa wiehed semplici li fil-waqt li l-familja Azzopardi tinsisti li minkejja li dan il-mandat ta' inibizzjoni gie milqugh, il-konvenut Andrew Agius u ibnu Fredrick Agius, personali u jew in rapprezentanza tal-kumpannija taghhom Zoqdi Developers Limited regghu dahlu fi proprjeta` milquta bl-ordni ta' dina l-Qorti moghtija fid-digriet finali tal-mandat ta' inibizzjoni, il-familja Agius tikkontendi bil-maqlub.

Charles Azzopardi xehed li Andrew Agius u t-tifel tieghu dahlu nhar id-9 ta' Ottubru, 2007, f'ghalqa li fuq il-pjanti li fuqha intalab u hareg il-mandat ta' inibizzjoni hija mmarkata "1H". Kif jidher mir-ritratt ezebit mal-affidavit ta' Charles Azzopardi, Andrew Agius u t-tifel tieghu dahlu go ghalqa. Andrew Agius fl-affidavit isostni li fejn kienu hu u t-tifel ma kienx l-art *de quo.* Illi l-intimati jsostnu li bl-ebda mod ma kisru xi mandat ta' inibizzjoni li hareg fil-konfront taghhom personali jew fil-konfront tal-kumpanija minnu rapprezentata. L-intimati jsostnu li mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi l-intimat ma kienx qieghed gewwa l-proprjeta' li tidher fil-pjanta tal-1939 tal-familja Azzopardi. Huwa indikat b'mod preciz fuq il-pjanta ezatt fejn kien qieghed u din il-parti fejn kien qieghed m'hijiex inkluza fir-raba' ta' Azzopardi.

Inoltre irrizulta li mill-konfigurazzjoni tal-proprjeta` huwa difficli biex wiehed jidentifika b'mod preciz u ezatt din il-linja ta' demarkazzjoni fejn hi tant illi l-intimat istitwitwixxa proceduri *finium regundorum* sabiex tigi stabbilita definittivament din il-linja u biex b'hekk dan id-disgwid jintemm darba ghal dejjem.

Din il-Qorti kif presjeduta kellha l-okkazzjoni li tezamina l-aspetti relevanti tad-disprezz ta' l-awtorita` tal-Qorti fit-3 ta' Gunju, 2008 fir-Rikors Nru.: 419/07FS fis-sentenza fl-

ismijiet **Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali vs Gorg u Mary konjugi Mifsud** fejn intqal:
"Fis-sentenza tal-Prim'Awla (Onor. Imh. Dr. Geoffrey Valenzia) tad-29 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs Joseph Tonna** inghad li proceduri ghal disprezz huma proceduri specjali u partikolari u jikkoncernaw l-amministrazzjoni tal-gustizzja b'mod generali u li ghalhekk isiru fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fil-proceduri ta' dan it-tip, ir-Registratur ghandu jibda - kif jigi ordnat mill-Qorti - il-procedimenti mehtiega ghal disprezz u f'tali proceduri l-istess Direttur (ghalkemm ordnat) ghandu jitqies bhala attur.

Huwa r-Registratur li ghandu jibda l-procedimenti mehtiega kif jigi ordnat mill-Qorti (Appell Civili Inferjuri (Onor. Imh. Dr. Said Pullicino) tat-12 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs Salvu Psaila)**

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Magistrat Dr. Anthony Ellul) fit-12 ta' Gunju 2007 fil-kawza 108/2006 fl-ismijiet **Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex) vs Teddy sive Guda Taddeus Grima**, il-Qorti b'riferenza ghall-kwistjonijiet ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti ikkonfermat li ordni ta' Qorti tista' tigi biss ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan isir hu l-obbligu ta' min ikun hekk gie hekk ordnat li jagixxi skond din l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Paul Zammit et** deciza fl-14 ta' Novembru 2000 – Prim'Awla (Onor. Imh. Dr. Raymond C. Pace) inghad li a favur il-konvenuti jinghad li fl-ebda mument ma kienet uzata xi vjolenza, ghalkemm l-ostakolu kien xorta effettiv sa dakinhar u di piu` jirrizulta li sussegwentement l-istess mandat ta' deskrizzjoni gie esegwit bil-kwiet u l-konvenuti ikkolloboraw ma' l-istess Marixxal. Illi pero` dan ma jfissirx li tali atti ta' disprezz ma sarx, izda l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta' l-istess meta tigi sabiex tistabbilixxi l-piena ghall-istess. U fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell

Civili Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Qorti vs John Micallef** tat-30 ta' Settembru 1983 (LXV11-1-11-115) inghad li l-Qorti ghandha kull setgha biex twettaq il-harsien ghall-mandati taghha u tesigi rispett lejn l-ufficcjali taghha.  Ir-rispett ghandu jissussisti kemm fil-konfront taghha kif ukoll fir-riward ta' l-operat esklussiv taghha. Meta dak li jinsab hati ta' disprezz joffri l-iskuza inkondizzjonata tieghu ghalkemm dan ma jnehhix ir-responsabilita` ta' l-imharrek jista' jaghti lok ghall-attenwazzjoni tal-piena inflitta.  U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Qorti vs George Galea** Appell Civili Superjuri – 14 ta' Marzu 1988 - LXXII-I-II-226 inghad li dak li ghamel il-konvenut jikkostitwixxi att kontra l-ligi u jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex jinzamm il-buon ordni fis-socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi.  Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti. F'dak il-kaz il-konvenut talab skuza. Pero` hija gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-htija tibqa' t-talba ghal xi skuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkommetti atti ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea kienu jsemmi li proceduri ghad-disprezz tal-Qorti ma kinux suggetti ghar-regoli normali li hadd ma jista' jitlef il-liberta` jekk mhux ghax jinstab hati fuq offiza.  Il-proceduri ghad-disprezz ma kinux ta' natura kriminali izda jikkostitwixxu esercizju ta' poteri dixxiplinari mill-Qrati. (Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) Onor. Imh. Dr. G. Camilleri fl-20 ta' Gunju 2003 **Ignatius Busuttil vs Avukat Generali**)."

Ukoll kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru, 2003 – JRM) deciza minn din il-Qorti:
"Il-procedura ta' disprezz ghandha natura partikulari. Hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex il-persuna taghmel xi haga jew  dik il-persuna ma taghmilx xi haga. … Kif jghallem **Lord Denning**, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (**In re Bramblevale Limited** – 1970). Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iggib maghha l-htiega li

tigi ppruvat, minn min qieghed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' taghha. Illi madanakollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni iehor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti ohra, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null u bla siwi. (Appell Civili, **"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"** – 7 ta' Ottubru 1997). Illi l-attur ghalhekk fil-kawza m'ghandu xejn x'jirbah ghajr li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tal-gustizzja – (**"Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546)".

Il-proceduri ta' disprezz huma ta' indoli kriminali u ghalhekk sabiex individwu jinstab hati ta' disprezz iridu jinkonkorru kemm element fattwali, kif ukoll l-element intenzjonali.

Huwa importanti u ta' ordni pubbliku li l-ordnijiet moghtija minn dina l-Qorti jigu obduti rigorozament ghaliex altrimenti nghixu fi stat ta' anarkija.

**Ghalhekk huwa car li f'kawza ta' disprezz minhabba n-natura tal-kawza huwa essenzjali li l-fatti jigu ppruvati *beyond reasonable doubt*. Irid ikun hemm il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti. Il-Qorti trid tkun tat ordni li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha u li hu jkun ghazel li jiksirha. Dan hu kollu biex tigi mharsa l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Ghalhekk iridu jinkonkorru kemm element fattwali, kif ukoll l-element intenzjonali. Hemm bzonn li l-ordnijiet moghtija minn dina l-Qorti jigu obduti rigorozament ghaliex altrimenti nghixu fi stat ta' anarkija.**

Minn ezami tal-fatti fil-kaz *de quo* dawn l-elementi ma jirrizultawx ippruvati kontra l-konvenuti. Certament ma hemmx il-konvincement li l-konvenuti huma hatja ta' disprezz oltre d-dubju u aktar minn hekk ma irrizultax xi intenzjoni ta' sfida mill-konvenuti. L-element intenzjonali zgur li ma giex ippruvat.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------